


*Iċ-Ċentinarju tal-1891*
*fil-Knisja ta' Santa Tereża - Bormla*

# 300 sena mill-mewt ta' San Ġwann tas-Salib

**Minn Patri Martin Borg OCD**

## Ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-knisja

Is-sena 1891 kienet sena li fiha il-Patrijiet Karmelitani Skalzi kienu qegħdin jiċċelebraw it-tielet Ċentinarju mil-mewt glorjuża tal-fundatur tagħhom San Ġwann tas-Salib li flimkien mal-kbira Santa Tereża ta' Ġesù waqqfu l-Ordni tal-Karmelu riformat fis-seklu sittax.

Għal din l-okkażjoni saru festi solenni fil-knisja ta' Santa Tereża li baqgħu mfakkra f'dokument li jiddeskrivi dak li sar kif ukoll permezz ta' ritratt tal-knisja kif kienet imżejna għall-okkażjoni ta' dawn il-festi.


L-Istatwa ta' San Ġwann tas-Salib

Il-Patri Ġeneral ta' dak iż-żmien kien bagħat ċirkulari lill-kunventi u l-monasteri kollha tal-Ordni madwar id-dinja, li ġġib id-data tad-19 ta Marzu 1891, fejn fiha jeżorta lir-religjużi kollha biex iħejju ruħhom spiritwalment u biex jiċċelebraw bis-solennità dak li kienu se jfakkru dik is-sena, jiġifieri l-mewt prezzjuża ta' Missierna San Ġwann tas-Salib bi tridu solenni u b'ċelebrazzjonijiet bl-akbar pompa possibbli.[1]

It-tridu solenni kien iċċelebrat fil-ġranet 22, 23, 24 ta' Novembru 1891 filgħaxija permezz ta' diskors fuq il-qaddis u wara innu Antifona u barka sagramentali, f'dawn il-jiem ipprietkaw tliet reliġjużi Tereżjani Patri Alfons tas-Sagrament Imqaddes, Patri Lawrenz ta' San Sistu, u Patri Karm tal-Bambin Ġesù surmast tan-novizzi. Qabel ma beda it-tridu, saret transulazzjoni Solenni tar-relikwa tal-qaddis segwita bl-għasar solenni u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Fit-22 fl-ewwel jum tat-tridu filgħodu fis-sitta tqaddset quddiea letta bil-prietka u bi tqarbina ġenerali, fid-disa' terza kantata u quddiesa solenni bil-mużika mmexxija mill-Vigarju Ġenerali ta' dak iż-żmien Mons Ġużeppi Mercieca. Fit-tlieta ta' wara nofsinhar sar paniġierku bil-malti minn Patri Lawrenz Caruana OP, Pirjol tal-Kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat. Wara tkanta l-għasar bil-mużika u Barka Sagramentali.

Fit-23 ta' Novembru 1891 it-tieni jum tat-tridu kien mistieden imexxi l-quddiesa solenni ta' filgħodu Mons Ġużeppi Caruana Dingli, prelat domestiku tal-Papa. U l-paniġierku tat-tlieta ta' wara nofsinhar għamlu Dun Ġużepp Borg li kien missjunarju. Il-bqija kollox bħalma sar fil-jum ta' qabel. Il-mużika matul it-tridu solenni kienet taħt id-direzzjoni ta' Dun Luiġi Fenech Kanonku Terżorier tal-kolleġġjata ta' San Lawrenz tal-Birgu. F'dawn il-ġranet il-knisja kienet tkun mimlija bin-nies ħerqana biex jisimgħu fuq il-ħajja u l-virtujiet tal-Qaddis San Ġwann tas-Salib.

Fl-24 ta' Novembru, fl-aħħar jum tat-tridu Solenni u jum il-festa[2] kien mistieden ir-Reverendissimu Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Bormla kemm għall-funzjoni ta' filgħodu u kemm għal dik ta' filgħaxija. Filgħodu wieħed mill-kanonċi mexxa l-Quddiesa kantata li għaliha assista minn fuq it-tron l-Isqof ta' Malta. Il-paniġierku bit-Taljan għamlu il-Kanonku Dun Salvatore Grech. Filgħaxija tkanta l-għasar Solenni, Te Deum, u Barka Sagramentali li fiha ħadu sehem il-kanonċi tal-kolleġġjata ta' Bormla flimkien mal-komunità tal-Patrijiet Tereżjani lebsin il-Kappa l-bajda fejn wara l-istess patrijiet akkumpanjawhom proċessjonalment sal-bieb tal-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla.

Matul it-tridu saret mixgħela madwar il-bejt tal-Knisja imma fl-aħħar jum, jiġifieri nhar il-festa nxtegħelet il-faċċata kollha tal-knisja bit-tazzi taż-żejt, għaliex it-temp dak inhar ippermetta. Inxtegħlet ukoll il-pjazza ta quddiem il-knisja flimkien ma' żewġ piramidi kbar li nxtegħlu bil-gas.

Għal dawn il-festi kienu mistiedna il-kapitli u l-komunitajiet reliġjużi tal-Belt Valletta u tat-tlett ibliet.

Il-Mużika ta' nhar il-festa tmexxiet mis-surmast Paolino Vassallo.

## Kif kienet imżejna il-Knisja

Kif spiċċa t-tridu solenni il-knisja kienet diġà mżejna għall-okkażjoni u kien fiha dehra straordinarja[3]. It-tiżjin kien mingħajr konfużjoni ta' xejn u kienet ġiet armata taħt it-



Il-Knisja ta' Santa Tereża armata għall-festi ċentinarji tal-festa ta' San Ġwann tas-Salib

tmexxija tal-bravu Aloisio Pace. Fid-dokument li jiddeskrivi kif kienet imżejna l-knisja nsibu li taħt il-kapitelli tal-pilastri, miksija bid-damask, iddendlu mazzettuni tal-ward, bil-weraq tad-deheb u tal-fidda. Fl-isfond bejn pilastru u ieħor twaħħlu kuruni tal-ward bil-weraq tad-deheb u tal-fidda mdendlin bi ċfuf tal-lama tad-deheb.

L-istatwa artistika ta' San Ġwann tas-Salib, attribwita lil Vincenzo Dimech, għal din l-okkażjoni unika kienet inħarġet minn niċċa tagħha fuq l-artal tal-kappella ta' dan il-Qaddis, u tpoġġiet fil-għoli fuq sħaba bl-anġli maħduma minn Luigi Gaffiero fuq il-ġilandra tal-artal maġġur. L-erbgħa kolonni tal-prospettiva tgħattew b'damask sabiħ u fin-nofs minn ġo kuruna artistika kien nieżel ***"maestosamente"*** il-mant ***"nobile"*** tal-istatwa tal-Kunċizzjoni, miżmum miż-żewg anġli artistiċi jżommu l-lazzijiet tad-deheb xogħol tal-mibki Vincenzo Bonnici, li kien inġieb mill-Knisja Parrokkjali ta' Bormla għal din l-okkażjoni.

Fuq iż-żewġ kwadri laterali tpoġġew żewġ xbihat, waħda ta' Kristu mgħobbi bis-Salib fejn qed jgħid lil Ġwanni: ***"Xi trid bħala ħlas għal għemilek?"*** u l-oħra ta' San Ġwann tas-Salib iwieġeb lill-Ġesù u jgħidlu: ***"Li nbati u nkun immaqdar għalik Mulej"***

Mal-prospettiva tal-Artal Maġġur, fejn illum tinsab il-pittura tal-Missier Etern kienet twaħħlet iskrizzjoni bil-Latin, ***Crux Gloria Mea, Is-Salib il-gieħ tiegħi.***

Fil-bidu tal-presbiterju kienu ddendlu żewġ linef kbar li x'aktarx inġiebu ukoll mill-parroċċa, flimkien mas-sitta tan-navi, li kienu għadhom primittivi ħafna, bix-xema tal-konsum twila sa nofs il-fjokk.

Mal-Ark il-kbir iddendel pavaljun tad-damask bil-girlandi tal-ward tal-lama, l-istess mal-pavaljuni tal-korsija twaħħlu girlandi tal-ward miżmuma fid-drapp tal-lama. Mad-dawra kollha tal-knisja twaħħlu mazzettuni bi skrizzjonijiet bil-Latin miktuba minn Dun Savatore Formosa. Maċ-ċinta tal-knisja tpoġġew għad kbir ta' xema' biex idawwlu sew il-knisja għall-okkażjoni. Tassew kien fiha dehra tal-ġenna!

Meta spiċċat il-funzjoni tal-festa u l-patrijiet akkumpanjaw lill-kapitlu ta' Bormla sal-bieb tal-knisja ta' Santa Tereża sabu folla ta' nies barra tistenniehom bit-torċi mixgħula f'idejhom fejn laqgħuhom bit-tislim: ***Viva l-Immakulata! Viva San Ġwann tas-Salib! Viva l-Kapitlu tagħna ta' Bormla! Viva l-Patrijiet Tereżjani! Viva l-għaqda!***[4] Kif il-Patrijiet wasslu lill-Kanonċi sal-Knisja Kolleġġjata, reġgħu lura akkumpanjati minn folla ta' nies sal-Knisja konventwali tagħhom ta' Santa Tereża. Eżempju sabiħ għal żminijietna!

[1] ***Miscellania de domo apud S.M.N.Teresiam, Conspicuae Liber Primus LMM1***
[2] ***Qabel ir-riforma tal-liturġija tal-Konċilju tal-Vatikan II il-festa ta' San Ġwann tas-Salib kienet tiġi ċċelebrata fl-24 ta' Novembru u mhux fl-14 ta' Diċembru kif hija illum.***
[3] ***Ibid.***
[4] ***Miscellania de domo apud S. M. N. Teresiam, Conspicuae Liber Secundus LMM2***